# Kuntratt Soċjali għall-Ewropa Ġdid

## Manifest tal-PSE 2019

L-Unjoni Ewropea għandha taqdi aħjar lill-poplu tagħha. L-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2019 huma l-opportunità tagħna sabiex nibdlu l-UE u nibnu Ewropa aktar ġusta. Is-soċjetajiet tagħna għadhom qed ibatu l-effetti soċjali tal-kriżi ekonomika tal-2018, u aħna għandna sfidi urġenti x'niffaċċjaw. L-Ewropa teħtieġ li tegħleb l-inugwaljanza, tiġġieled għall-ġustizzja fit-tassazzjoni, tiġġieled it-theddida tat-tibdil fil-klima, tisfrutta r-rivoluzzjoni diġitali, tassigura bidla ġusta fl-agrikultura, tiġġestixxi aħjar il-migrazzjoni u tiggarantixxi s-sigurtà għall-Ewropej kollha. L-Ewropa teħtieġ bidla fit-tmexxija u d-direzzjoni tal-politika, twarrab lill-mudell neoliberali u konservattiv tal-passat, u tiffoka fuq impjiegi ta' kwalità għall-poplu tagħha, ambjent san, sigurtà soċjali u mudell ekonomiku li jindirizza l-inugwaljanza u l-għoli tal-ħajja. Ma jistax ikun li kollox jibqa' kif inhu. Hija meħtieġa bidla radikali sabiex jinbena proġett għall-futur li fih jistgħu jemmnu l-Ewropej kollha. Nazzjonalisti nostalġiċi mhumiex joffru ħlief illużjonijiet perikolużi, u jpoġġu f'riskju l-progress passat u l-valuri Ewropej. Aħna – Soċjalisti u Demokratiċi – irridu **niggarantixxu l-benesseri taċ-ċittadini** u **nassiguraw progress soċjali u ekoloġiku,** u **ma nħallu warajna ebda persuna u ebda territorju fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.** L-Ewropa trid timxi lejn mudell ċirkulari ta' produzzjoni u konsum li jirrispetta l-limiti tal-pjaneta tagħna. Aħna rridu nsaħħu l-unità tal-Ewropa waqt li nirrispettaw id-diversità tagħha. Bħala Soċjalisti u Demokratiċi, aħna qed nipproponu **Kuntratt Soċjali għall-Ewropa ġdid.**

**EWROPA TA' UGWALJANZA U ĠUSTIZZJA**. L-inugwaljanza għandha titnaqqas drammatikament u għandha tintemm il-konċentrazzjoni tal-ġid u l-proprjetà f'idejn il-ftit privileġġjati. Ewropa ta' benesseri bi stati b'ħarsien soċjali qawwi, xbieki ta' sigurtà soċjali, u servizzi pubbliċi ta' kwalità hija kruċjali sabiex jiġi evitat il-faqar u jkunu mħarsa dawk li għandhom bżonn, inklużi ż-żgħażagħ, il-persuni anzjani, il-ħaddiema vulnerabbli u dawk qegħda. Għandna dover li nipproteġu n-nies meta jimirdu, jitilfu l-impjieg tagħhom, isofru diżabilitajiet jew jinsabu fi żminijiet iebsa. Id-dritt għal kura tas-saħħa ta' kwalità, edukazzjoni u pensjonijiet diċenti huwa universali u għandu jkun difiż. Il-persuni ta' kull età għandhom id-dritt li jaħdmu u jgħixu b'dinjità. Il-qgħad u l-esklużjoni soċjali għandhom ikunu miġġielda kollettivament, mhux imwarrba bħala nuqqasijiet individwali. Il-prinċipju ta' paga xorta għal xogħol xorta fl-istess post għandu jkun rispettat. Il-ħaddiema kollha għandu jkollhom l-istess drittijiet: ebda impjieg mingħajr kuntratt, ebda impjieg mingħajr salarju ġust, u projbizzjoni ta' kuntratti mingħajr sigħat ta' xogħol u ta' impjieg ta' persuna għal rasha falz. Aħna rridu niġġieldu għal pagi minimi diċenti madwar l-Ewropa. Il-faqar fost dawk li jaħdmu mhux ġustifikat kemm moralment kif ukoll ekonomikament. Aħna rridu mekkaniżmu ta' assigurazzjoni għal qgħad kumplimentari Ewropea, sabiex issostni lill-Istati Membri fl-eventwalità ta' żieda qawwija fil-qgħad. Djalogu soċjali effettiv u sħubija fit-trade unions huwa l-aħjar mod sabiex ikunu garantiti l-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu u l-pagi miżjuda. Aħna rridu Awtorità Ewropea dwar ix-Xogħol b'saħħitha bil-poter li tikkumbatti d-dumping soċjali u tassigura mobilità ġusta fl-impjiegi madwar l-UE. Huwa meħtieġ Pjan ta' Azzjoni Soċjali sabiex jibdel il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'regoli vinkolanti li jsaħħu s-sistemi ta' ħarsien soċjali, jirrispetta l-mudelli tas-suq tax-xogħol u jtejjeb il-livell ta' għajxien.



Partit tas-Soċjalisti Ewropej
10-12 Rue Guimard
B-1040 Brussels
Belgium

**EWROPA TA' SOLIDARJETÀ GĦALL-ĦAFNA, MHUX GĦALL-FTIT.** Aħna mhux ser inċedu għall-forzi tas-suq mhux ikkontrollati u finalment ser intemmu l-politiki ta' awsterità. L-Ewropa għandha toħloq opportunità ekonomika għal kulħadd, u tassigura li l-prosperità hija sostenibbli u maqsuma b'ġustizzja mill-Ewropej kollha. Neħtieġu Pjan ta' Investment għal terminu twil sabiex iħejji l-industriji u l-ħaddiema tagħna sabiex jibbenefikaw mit-tranżizzjoni ekoloġika, ir-rivoluzzjoni diġitali u t-tkabbir tal-intelliġenza artifiċjali. L-istrateġija industrijali tal-Ewropa trid tgħaddi l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, issostni t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, u tassigura li jinħolqu l-impjiegi u jkunu protetti fl-Ewropa. Iż-żona tal-euro jeħtieġilha wkoll riforma sostanzjali u l-baġit tagħha. Ir-regoli fiskali Ewropej iridu jiġu riveduti sabiex ikun żgurat li jrawmu tkabbir sostenibbli u impjiegi. Id-drittijiet soċjali għaċ-ċittadini jridu jingħataw prijorità fuq il-libertajiet ekonomiċi għall-korporazzjonijiet il-kbar. Aħna rridu ġustizzja soċjali u ser inkomplu mmexxu l-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali, l-evitar tat-taxxa u ppjannar aggressiv dwar it-tassazzjoni. Aħna ser nippromwovu approċċ komuni Ewropew sabiex nassiguraw livell tajjeb ta' tassazzjoni effettiva u nwaqqfu l-kompetizzjoni 'l isfel fit-taxxa tal-kumpaniji. Kull ċittadin u kull kumpanija għandhom jagħmlu kontribuzzjoni ġusta lis-soċjetà billi jirrispettaw l-obbligi tat-taxxa tagħhom. Il-profitti għandhom jiġu ntaxxati fejn ikunu ġġenerati. Aħna ser insaħħu r-regoli tas-setturi finanzjarji u bankarji għax iċ-ċittadini ma għandhomx ibatu minħabba l-iżbalji li jsiru mill-banek jew jaraw li d-depożiti tagħhom jinsabu f'riskju. L-Ewropa għandha bżonn baġit aktar b'saħħtu sabiex ikunu żgurati l-koeżjoni u s-solidarjetà bejn iċ-ċittadini, ir-reġjuni u l-pajjiżi, u b'hekk jitjiebu l-istandards tal-għajxien fl-Ewropa u jitnaqqsu l-inugwaljanzi.

**EWROPA SOSTENIBBLI LI TIPPROTEĠI L-PJANETA TAGĦNA.** L-Ewropa għandha tkun fuq quddiem fil-ġlieda għall-ambjent u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, partikolarment għax uħud mill-isħab internazzjonali tagħna qed jaqgħu lura. L-Ewropa għandha tipproteġi l-bijodiversità fuq il-kontinent tagħna u globalment u twaqqaf it-tniġġis. Il-viżjoni tagħna tlaqqa' flimkien il-protezzjoni tal-pjaneta mal-interess taċ-ċittadini kollha tagħna: arja nadifa, enerġija nadifa u ikel ta' kwalità għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd. L-UE għandha tadotta Pjan ta' Żvilupp Sotenibbli b'miri soċjali u ekoloġiċi sabiex tassigura li l-interessi ekonomiċi ma jikkawżawx dannu lill-ambjent. Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jgħin sabiex ikunu implimentati l-Aġenda u l-Miri għal Żvilupp Sostenibbli tan-NU sal-2030 b'mod soċjalment ġust. Aħna nżidu l-ambizzjoni dwar il-klima tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-aktar xjenza riċenti dwar it-tibdil fil-klima. Il-protezzjoni tal-ambjent teħtieġ it-tiġdid tal-industrija Ewropea sabiex niġu fuq quddiem fl-enerġiji rinnovabbli u nsiru newtrali għall-klima mill-inqas sal-2050. L-emissjonijiet tas-$CO_2$ għandhom ikunu ntaxxati madwar l-UE b'mod soċjalment ġust, fejn min iniġġes ikollu jħallas u jiġi sostnut l-investiment fl-enerġija nadifa affordabbli. Bit-titjib tal-mobilità u l-kwalità tal-ajra u l-għoti ta' djar affordabbli u effiċjenti fl-enerġija aħna nistgħu ntejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Sabiex nagħmlu dan, aħna ser nippromwovu Pjan għal Djar Affordabbli u Trasport Pubbliku Nadif fl-Ewropa. Aħna ser niġġieldu l-faqar enerġetiku u tal-ilma, niggarantixxu ikel aċċessibbli, san u ta' kwalità tajba, prodotti bla periklu u tmiem ta' esponiment dannuż għal sustanzi kimiċi tossiċi. Riforma fil-politika agrikola tal-UE għandha tgħin sabiex ikunu sodisfatti ħtiġijiet ġodda mis-soċjetà, fosthom metodi sostenibbli ta' produzzjoni, nutriment aħjar, tnaqqis fil-ħela tal-ikel, ħarsien aħjar tal-benesseri tal-annimali u l-preservazzjoni tal-bijodiversità.

**EWROPA ĦIELSA U DEMOKRATIKA**. Id-demokrazija hija valur fundatur tal-UE. Din għandha tiġi rispettata fl-Ewropa u promossa barra minnha. Aħna nwiegħdu li niddefendu u ntejbu d-demokrazija tagħna, nixprunaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadin mil-livell lokali sa dak Ewropew. L-involviment ċiviku, ir-responsabbiltà pubblika, u proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni trasparenti u ġusti għandhom ikunu mtejba fil-livelli kollha. Aħna rridu soċjetajiet miftuħa u vibranti, fejn l-individwi ikollhom drittijiet ugwali u jkunu jistgħu jgħixu ħielsa minn diskriminazzjoni, preġudizzju u sessiżmu, u b'rispett sħiħ lejn il-privatezza u s-sigurezza tagħhom. Id-diversità kulturali tarrikkixxi l-Ewropa u l-poplu tagħha. Id-diversità hija parti mill-identità u s-saħħa tal-Ewropa; id-drittijiet tal-minoritajiet kollha għandhom jiġu protetti. Aħna

nipproponu li Jum l-Ewropa fid-9 ta' Mejju isir btala pubblika fl-Istati Membri kollha sabiex jiġu ċċelebrati l-paċi u l-unità fl-Ewropa. Aħna ser niġġieldu lil dawk li jxerrdu l-mibgħeda, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni kontra oħrajn. Aħna ser niddefendu l-istat tad-dritt u d-drittijiet umani fl-Istati Membri kollha u nassiguraw li l-UE għandha l-għodod neċessarji sabiex tagħmel dan. Aħna rridu miżuri b'saħħithom sabiex nevitaw kull użu ħażin ta' fondi tal-UE jew pubbliċi, kemm jekk dan isir għall-profitt privat jew sabiex ikun rinfurzat il-poter politiku. Aħna ser nassiguraw li organizzazzjonijiet li jipproteġu liċ-ċittiadini ma jkollhomx pressjonijiet mhux dovuti fuq il-finanzjament u d-dritt tagħhom li joperaw. Aħna kontra dawk li jpoġġu d-demokrazija tagħna taħt pressjoni permezz tat-tixrid ta' "aħbarijiet foloz", li jimmanipulaw id-dibattitu pubbliku, jew għax iridu jfixklu l-iskambju demokratiku. Midja u soċjetà ċivili ħielsa u indipendenti għandhom ikunu appoġġjati u jitħallew iwettqur-rwol tagħhom fid-demokrazija, u l-informaturi għandhom ikunu protetti. It-tisħiħ tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja għandhom jagħtu spinta lill-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transkonfinali.

**EWROPA FEMMINISTA BI DRITTIJIET UGWALI GĦAL KULĦADD.** Ebda forma ta' diskriminazzjoni ma hija aċċettabbli fis-soċjetajiet Ewropej moderni. Aħna rridu Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-Ġeneru li tkun vinkolanti, li permezz tagħha aħna nkomplu mmexxu l-ġlieda sabiex jintemmu d-differenza fil-paga u l-pensjoni, nikkumbattu l-fastidju sesswali u l-vjolenza fuq bażi tal-ġeneru, u nassiguraw li kull individwu jkollu aċċess għad-drittijiet sesswali u riproduttivi sħaħ tiegħu. Kull persuna għandha dritt tiddeċiedi fuq il-persuna tagħha. Aħna nemmnu f'soċjetà fejn in-nisa u l-irġiel igawdu l-istess bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u parteċipazzjoni politika ugwali; kull mara għandha id-dritt għal karriera, hekk kif kull raġel għandu d-dritt li jrabbi lil uliedu u jieħu ħsieb il-familja. Aħna mhux ser naqtgħu qalbna fil-ġlieda sabiex tintemm kull forma ta' diskriminazzjoni. L-Ewropa għandha tneħħi l-ostakli legali u soċjali għal persuni LGBTI sabiex jgħixu ħielsa, ugwali u b'rispett.

**EWROPA PROGRESSIVA BI PJAN GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**. Is-soċjetajiet tagħna ser iħarsu lejn il-futur b'aktar ottimiżmu għax iż-żgħażagħ tagħna għandhom prospetti aħjar u l-anzjani tagħna ma għadhomx jibżgħu min-nuqqas ta' sigurezza aktar tard f'ħajjithom. L-Ewropej żgħażagħ għandhom jingħataw is-setgħa u l-ħiliet sabiex ifasslu l-futur tagħhom u jsiru ċittadini attivi. L-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet futuri għandu jkun mibni fuq is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Mhuwiex aċċettabbli li qrib wild minn kull erbgħa huwa f'riskju tal-faqar. Kull wild għandu jkollu aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità, għal ħarsien tat-tfal, għal edukazzjoni, għal dar u għal nutriment. Aħna nimplimentaw Garanzija Ewropea għat-Tfal sabiex inkunu żguri li dan isir realtà. Sabiex nilħqu l-miri tagħna ta' impjieg għaż-żgħażagħ kollha u tnaqqis tal-esklużjoni soċjali, aħna ser nestendu wkoll il-Garanzija għaż-Żgħażagħ – li diġà tgħin miljuni ta' Ewropej żgħażagħ sabiex isibu impjieg ta' kwalità, taħriġ, jew edukazzjoni ulterjuri. L-edukazzjoni hija dritt li għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd. Aħna ser inkomplu nsostnu u ninfurzaw aktar Erasmus+ u nassiguraw li huwa jibbenefika persuni mill-isfondi soċjali kollha. Finalment, aħna rridu Ċekkijiet Ewropej għal Kultura sabiex nappoġġjaw l-aċċess ta' persuni żgħażagħ għall-kultura.

**EWROPA B'SAĦĦITHA U MAGĦQUDA LI TIPPROMWOVI DINJA AĦJAR**. F'dinja dejjem aktar instabbli, l-Ewropa għandha tkun mudell ta' demokrazija, paċi u stabbilità, kif ukoll punt ta' referenza għall-ġustizzja soċjali, djalogu, multilateraliżmu, drittijiet umani, xogħol diċenti, l-istat tad-dritt, żvilupp sostenibbli u ugwaljanza bejn il-ġeneru. Aħna rridu nkunu magħquda quddiem sħab mhux prevedibbli u iżolazzjonisti, u nippromwovu forom differenti ta' globalizzazzjoni. Fl-istess ħin, l-UE għandha taħdem għal riforma fin-Nazzjonijiet Uniti. Aħna nassiguraw li l-UE tinkludi standards soċjali u ambjentali vinkolanti, drittijiet tal-bniedem, protezzjoni tal-konsumatur u drittijiet tal-ħaddiema fil-ftehimiet kummerċjali futuri. Dawn il-ftehimiet għandhom ikunu suġġetti għal sorveljanza demokratika, bl-assigurazzjoni tal-parteċipazzjoni dovuta tas-soċjetà ċivili. Aħna nopponu is-sistema antika ta' arbitraġġ privat. Aħna nżommu mal-wegħda li ninvestu 0.7% tal-ING (Introjtu Nazzjonali Gross) fl-għajnuna

www.pes.eu
www.facebook.com/PES.PSE
www.twitter.com/PES_PSE

Partit tas-Soċjalisti Ewropej
10-12 Rue Guimard
B-1040 Brussels
Belgium

għall-iżvilupp uffiċjali, u nsaħħu s-sħubija tagħna mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Aħna niżviluppaw aktar id-difiża komuni Ewropea tagħna, ngħaqqdu u niskambjaw ir-riżorsi tagħna sabiex nassiguraw il-paċi u s-sigurtà, b'kooperazzjoni man-NATO u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

L-Ewropa teħtieġ politika dwar l-ażil u l-migrazzjoni komuni u ġusta, ibbażata fuq responsabbiltà kondiviża fost l-Istati Membri, u kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu. Aħna lkoll nistgħu nibbenefikaw minn sistema ta' migrazzjoni ġusta, regulari u mmaniġġjata tajjeb; hija tista' tgħin fit-tisħiħ tal-ekonomija, tiġġenera impjiegi ġodda u u ż-żamma tas-sistema ta' welfare tagħna. L-Ewropa għandha timmaniġġja l-migrazzjoni b'mod aktar ordinat, ġust u dinjituż, waqt li żżomm kontroll effettiv tal-fruntieri tagħha waqt li tiġġieled l-ittraffikar uman u l-esplojtazzjoni kriminali ta' persuni, u ssaħħaħ il-protezzjoni ta' dawk li jeħtieġu ażil. Sabiex nagħmlu dan, iridu nifthu kanali siguri u legali, nappoġġjaw il-kapaċitajiet ta' protezzjoni fir-reġjuni fil-qrib u nieħdu ħsieb il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, inkluż it-tibdil fil-klima. Dan ikun jeħtieġ sħubija ġdida mal-Afrika u Pjan Ewropew ta' Investiment għall-Afrika komprensiv. Aħna ser nippromwovu finanzjament aħjar tal-politiki ta' integrazzjoni u nappoġġjaw bliet u komunitajiet ospitanti.

L-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2019 huma l-mument sabiex ikun iffirmat **Kuntratt Soċjali ġdid** għal **Ewropa li tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini u tippromwovi s-solidarjetà** u Ewropa li tiggarantixxi ħajja aħjar għall-ħafna, mhux għall-ftit. Aħna ninsabu fi **ġlieda għar-ruħ tal-Ewropa, u għall-futur komuni tagħna.** Il-Partit tas-Soċjalisti Ewropej ser iġib progress u jtejjeb l-ħajja taċ-ċittadini fl-irħula, bliet u reġjuni madwar l-Ewropa. **Meta tappoġġja l-partiti membri tal-PSE, inti tkun qed tappoġġja u tibni din l-Ewropa.**

www.pes.eu
www.facebook.com/PES.PSE
www.twitter.com/PES_PSE

Partit tas-Soċjalisti Ewropej
10-12 Rue Guimard
B-1040 Brussels
Belgium